

31989L0682

30.12.1989

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 398/29

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Diċembru 1989

li temenda d-Direttiva 86/298/KEE dwar strutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib immuntati fuq in-naħa ta' wara ta' tratturi bir-roti għall-agrikultura jew għall-foresterija, b'karreġġjata dejqa

(89/682/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

B'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Soċjali u Ekonomiku ⁽³⁾;

Billi jeħtieġ li jkunu adottati miżuri bl-għan li jstabbilixxu progressivament is-suq intern matul perjodu li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 1992; billi s-suq intern hu magħmul minn żona mingħajr fruntieri interni li fiha hu assigurat il-moviment liberu tal-merkanzija, persuni, servizzi u kapital;

Billi l-Artikolu 13 tad-Direttiva 86/298/KEE ⁽⁴⁾ jstabbilixxi li d-dispożizzjonijiet li bħalissa huma fis-seħħ għandhom ikunu ssupplimentati b'dispożizzjonijiet li jintroduċu t-testijiet ta' l-impatt fil-proċedura tat-test dinamiku;

Billi, minħabba li diġà hemm dispożizzjoni għal test addizzjonali fil-każ tal-proċedura tat-test statiku, huwa meħtieġ li anki fil-proċedura tat-test dinamiku jkun hemm provvediment għal test ieħor li b'mod iktar preċiż jirrifletti s-sitwazzjoni fil-każ li jinqaleb xi tractor sabiex dawn iż-żewġ proċeduri ta' test ikunu jistgħu jsiru ekwivalenti u l-iżbilanċ preżenti li hemm bejniet-hom ikun eliminat;

Billi l-parametri purament teoretiċi u l-kalkoli li fuqhom kien inizjalment ibbażat it-test dinamiku ta' l-impatt kien is-suġġett ta' l-esperimenti prattiċi li ma jħallux dubju dwar il-fiduċja tagħhom;

Billi huwa meħtieġ ukoll li jkun emendat l-iskop tad-Direttiva 86/298/KEE sabiex ikun iċċarat il-kliem tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 1 li jikkonċerna t-tyres immuntati fuq il-fusien ta' quddiem u ta' wara, u b'hekk tkun eliminata kull possibbiltà ta' interpretazzjonijiet differenti,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Id-Direttiva 86/298/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. It-tieni inċiż ta' l-Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

“ wisa' ta' l-ispezzur tal-fus fissa jew li tista' tkun aġġustata ta' anqas minn 1 150 mm għall-fusien mgħammra bl-aktar tyres wesgħin; ladarba l-fus mgħammra bl-aktar tyres wesgħin hu meqjus li jista' jkun aġġustat għal spessur ta' wisa' massima ta' 1 150 mm, il-fus l-ieħor għandu jkun jista' jiġi aġġustat b'tali mod li t-trufijiet ta' barra ta' l-idjaq tyres ma joħorġux lil hemm mit-trufijiet ta' barra tat-tyres fuq il-fus bl-aktar tyres wesgħin. Meta ż-żewġ fusien huma mgħammra b'roti u tyres ta' l-istess daqs, il-wisa' fissa jew aġġustata ta' l-ispezzur taż-żewġ fusien għandha tkun anqas minn 1 150 mm;”

2. Fl-Anness II, il-punt 3.1.1 huwa mibdul b'dan li ġej:

“3.1.1.Wara kull test parzjali fil-proċedura tat-test dinamiku, għandu jkun ħieles minn tiċrit jew xquq kif deskritti fil-punt 3.1 ta' l-Anness III (A).

Jekk, matul it-test dinamiku, jidhru ammont ta' tiċrit jew xquq, test addizzjonali dwar l-impatt jew it-tgħaffiġ kif definit fil-punt 1.6 ta' l-Anness III (A) għandu jkun imwettaq immedjatament wara t-test li jkun ikkaġuna dawn it-tiċritiet jew xquq li jidhru”;

3. Fl-Anness III (A), il-punt 1.6 huwa mibdul b'dan li ġej:

“1.6. Test addizzjonali

1.6.1. Jekk tiċritiet jew xquq li ma jistgħux jitqiesu negliġibbli jidhru waqt it-test ta' l-impatt, it-tieni test simili, iżda b'għoli ta' waqgħa ta':

$$H' = \frac{H}{10} \times \frac{12 + 4a}{1 + 2a}$$

għandu jitwettaq immedjatament wara t-test ta' l-impatt li jkun ħoloq dawn it-tiċritiet jew xquq li jidhru, 'a' hija r-relattività tad-diformazzjoni permanenti għad-diformazzjoni elastika ($a = D_p/D_e$) meta mkejla fil-punt ta' l-impatt.

⁽¹⁾ ĠU C 311, tas-6.12.1988, p. 9.⁽²⁾ ĠU C 120, 16.5.1989, p. 70. u

ĠU C 256, 9.10.1989, p. 76.

⁽³⁾ ĠU C 102, 24.4.1989, p. 5.⁽⁴⁾ ĠU L 186, tat-8.7.1986, p. 26.

Iż-żieda fid-diformazzjoni permanenti minħabba t-tieni impatt ma tridx teċċedi t-30 % tad-diformazzjoni permanenti kkawżata mill-ewwel impatt.

Sabiex ikun jista' jitwettaq test ieħor, jeħtieġ li titkejjel id-diformazzjoni elastika waqt it-testijiet kollha ta' l-impatt.

1.6.2. Jekk, waqt it-test tat-tgħaffiġ, jidhru ammont ta' tiċritiet jew xquq, it-tieni test simili ta' tgħaffiġ, iżda b'saħħa ekwivalenti għal 1,2 F_v , għandu jitwettaq immedjatament wara t-test tat-tgħaffiġ li kkaġuna dawn it-tiċritiet jew xquq li jidhru.”;

4. Fl-Anness VI, il-punt li ġej huwa miżjud:

“7.3. Indikazzjoni u riżultati ta' xi test dinamiku addizzjonali.”

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn 12-il xahar mit-3 ta' Jannar 1990. Għandhom mill-ewwel jgħarrfu lill-Kummissjoni dwarhom.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1989.

Għall-Kunsill

Il-President

E. CRESSON